**– PROPRJETÀ MIZMUMA IN KOMUN BEJN ZEWG KOMPROPRJETARJI –**
**– SPEJJEZ NECESSARJI MAHRUGA MINN KOMPROPRJETARJU WIEHED –**
**– DRITT GHAL RIMBORS MINGHAND IL-KOMPROPRJETARJU L-IEHOR –**
**– ART. 492 TAL-KODICI CIVILI –**
**– RIFLESSJONIJIET *OBITER* DWAR IR-RIKONVENZJONI –**

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**

**Udjenza ta' nhar il-Hamis, 31 ta' Ottubru, 2019**

Avviz tat-Talba numru: **24/2018**

**SONIA DELIA**
[K.I. NRU. 14871M]

***VERSUS***

**JOSEPH DELIA**
[K.I. NRU. 53369M]

B'Avviz tat-Talba mressaq fl-10 ta' Jannar, 2018, l-attrici talbet li l-konvenut jigi kundannat ihallasha l-ammont ta' mitejn, erbatax-il ewro u tlieta u ghoxrin centezmi (€214.23c)[1] flimkien ma' l-ispejjez tal-proceduri u l-imghax mill-1 ta' Ottubru, 2018 wara li premettiet hekk:

1. Illi l-attrici hija ko-proprjetarja mal-konvenut tal-proprjetà bl-indirizz 43, Palm Street, Paola;

[1] Fl-Avviz tat-Talba l-ammont mitlub kien €313.13c izda fl-udjenza tal-21 ta' Frar, 2018 (*a fol*. 8) tali ammont – fuq talba tal-attrici u mhux opposta mill-konvenut – gie korrett u ridott ghal €214.23c. Jidher li dan kien semplici zball genwin matematiku jew dattilografu stante li l-*email* ezebit flimkien mal-affidavit tal-attrici jindika precizament l-ammont ta' €214.23c (*vide a fol*. 28). Dan gie ukoll rilvat fit-trattazzjoni tal-gheluq (*vide tergo* ta' *fol*. 54).

2. Illi l-attrici tirrisjedi fl-imsemmija proprjetà u qieghda taghmel diversi spejjez ghall-manutenzjoni straordinarja tal-imsemmija proprjetà u dan minghajr ebda rifuzjoni ta' nofs dawn l-ispejjez minghand il-konvenut u dan minkejja d-diversi ittri u *emails* interpellatorji sabiex isir il-hlas;
3. Illi l-attrici hallset is-somma ta' mitejn, erbatax-il ewro u tlieta u ghoxrin centezmi (€214.23c) kif ser jkun ippruvat waqt is-smigh u t-trattazzjoni ta' din il-kawza.

B'Risposta mressqa fl-24 ta' Jannar, 2018, il-konvenut eccepixxa hekk:

1. Illi t-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt;
2. Illi s-somma rikjesta mhix ikkorroborata bl-ebda forma ta' ricevuta u iktar u iktar b'ricevuti fiskali;
3. Illi kemm-il darba sar xi xoghol gewwa din il-proprjetà, dan ma sarx bil-kunsens tal-konvenut;
4. Illi kull meta sar xi xoghol sar ftehim dwaru u thallas mill-konvenut;
5. Ghaldaqstant, dan l-Onorabbli Tribunal ghandu jichad din it-talba.

It-Tribunal qies il-provi kollha,[2] ra l-atti processwali u qies is-sottomissjonijiet bil-fomm ta' l-gheluq;[3]

It-Tribunal jikkunsidra;

Il-grajja fattwali fl-isfond ta' din il-vertenza tista' tigi spjegata brevement kif isegwi.

Dan il-kaz jipprospetta x-xenarju fejn l-attrici – li qabel kienet mizzewga mal-konvenut – baqghet tghix fid-dar matrimonjali in forza ta' decizjoni tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) datata 29 ta' Jannar, 2015 illi, *inter alia*, stipulat u ddecidiet hekk: "*Tordna li d-dar matrimonjali bin-numru tlieta u erbghin (43), Palm Street, Paola, tibqa' inkomun ghal zmien hames snin millum b'dan illi matul l-imsemmija hames snin ikunu jistghu jirrisjedu biss il-konvenuta u z-zewg ulied tal-partijiet u hadd aktar. Wara l-iskadenza tal-hames snin imsemmija kull parti tista' titlob il-bejgh tal-fond de quo taht l-awtoritá tal-Qorti.*"[4] Waqt ir-residenza taghha f'tali fond, senjatament ghall-habta ta' Lulju, 2016, inqalghu xi hsarat fis-saqaf fejn beda' diehel xi ilma minnu, inqalghu xi partijiet tal-konkos u inkixfet ix-xibka ta' go fih.  Ghalhekk, l-attrici ddecidiet li ssewwihom minnufih ghax il-haddiem li

---

[2] Ghalkemm m'hemmx menzjon specifika ghal kull xhud, ghal kull deposizzjoni jew ghal kull prova dokumentarja mressqa mill-kontendenti, il-provi kollha gew skrutinati u evalwati.
[3] *vide a foll*. 53–55.
[4] Kopja informali tas-sentenza hi ezibita *a foll*. 12–23.

inkarigat jispezzjona l-hsara kien gharrafha li kienu xoghlijiet urgenti.[5] L-ammont minnha mahrug ghar-riparazzjonijiet kien fl-ammont globali ta' €428.45c[6] u b'dawn il-proceduri qed tippretendi li nofshom (i.e., €214.23c) jigu rifuzi lilha mill-konvenut *qua* ko-proprjetarju. Min-naha tal-konvenut, dan jirrezisti tali talba ghal rifuzjoni peress li, b'manjiera generali, l-istess cifra mhix sorretta minn xi evidenza dokumentarja idoneja u l'ghaliex ix-xoghlijiet in kwistjoni sehhew minghajr il-kunsens tieghu. L-attrici tammetti li ma kinitx ikkonsultat minn qabel mal-konvenut dwar tali xoghlijiet u dan ghaliex kien hemm htiega impellenti li l-istess isiru u li ma kienx hemm zmien biex taghmel dan[7] izda tistqarr li l-istess kien konxju taghhom ghax kien ikun fil-fond.[8]

Mela hawnhekk ghandna kwistjoni fejn ko-proprjetarju illi wettaq xoghlijiet f'haga mizmuma in komun qed jitlob li jinghata nofs il-prezz tax-xoghlijiet li hallas interament, filwaqt li l-ko-proprjetarju l-iehor qed jirrifjuta li jaghmel dan.

Narrati l-posizzjonijiet rispettivi tal-kontendenti, it-Tribunal jikkunsidra hekk kif isegwi.

Ghandu jigi prezunt f'din il-kawza illi l-attrici tipposjedi sehem ta' 50% tal-proprjetà in kwistjoni u r-rimanenti 50% huma tal-konvenut u dan in forza tal-principju statwit fl-Art. 490(1) tal-Kodici Civili li jghid illi, "*L-ishma tal-komproprjetarji jitqiesu, sakemm ma jiġix ippruvat il-kuntrarju, li huma ndaqs*." Dan qed jigi puntwalizzat stante li s-sentenza ta' firda bejn il-kontendenti datata 29 ta' Jannar, 2015 ma tispecifikax ezattament dan l-aspett. Madanakollu, huwa implicitu li l-mizzewgin izommu l-assi matrimonjali, rijentranti fil-komunjoni tal-akkwisti, f'ishma ugwali bejniethom.

Ghall-kaz tal-lum, huwa applikabbli l-Art. 492 tal-Kodici Civili li jipprovdi hekk: "*Kull wieħed mill-komproprjetarji jista' jobbliga lill-oħrajn joħorġu sehem miegħu għall-ispiża meħtieġa sabiex il-ħaġa in komun tinżamm fi stat tajjeb, iżda kull wieħed minnhom jista' jeħles minn dan l-obbligu billi jċiedi l-jeddijiet tiegħu ta'komunjoni.*" Dik sussegwenti, Art. 493, tghid li, "*Ebda komproprjetarju ma jista' jagħmel tibdil fil-ħaġa in komun mingħajr il-kunsens tal-komproprjetarji l-oħra, lanqas jekk jidhirlu li dak it-tibdil hu ta' ġid għal kulħadd*."

Dawn iz-zewg disposizzjoniijiet huma diversi u jikkontemplaw istanzi partikolari u differenti minn xulxin. F'ta' l-ewwel (Art. 492) il-Ligi titkellem dwar l-ispartizzjoni ta' «spejjez» bejn komproprjetarji fil-haga mizmuma in komuni, filwaqt li f'tal-ahhar (Art.

[5] *vide* affidavit ta' l-attrici *a foll*. 10–11 (senjatament para. §2 tieghu).
[6] *vide* affidavit ta' l-attrici *a foll*. 10–11 (senjatament para. §5 tieghu).
[7] *vide* affidavit ta' l-attrici *a foll*. 10–11 (senjatament para. §7 tieghu).
[8] *vide* affidavit ta' l-attrici *a foll*. 10–11 (senjatament para. §6 tieghu).

493) il-Ligi titkellem dwar «tibdil» fil-haga mimzuma in komun, liema tibdil ma jistax isehh hlief bil-kunsens tal-komproprjetarji kollha. Mela allura l-Ligi tipprospetta l-ipotezi ta' preservazzjoni, manutenzjoni jew konservazzjoni tal-haga in komun u taghmilha differenti mill-ipotezi tal-bidla ta' l-istess haga (jew parti minnha) ad opra ta' wiehed mill-komproprjetarji. Fl-ewwel ipotezi komproprjetarju wiehed jista' jikkonstringi lill-komproprjetarji l-ohra biex johorgu sehemhom mill-ispijjez necessarji biex l-oggett in komun bejniethom jinzamm fi stat idoneju, filwaqt li fit-tieni ipotezi il-komproprjetarji kollha jridu jaghtu l-kunsens taghhom biex l-oggett in komun isirulu kambjamenti fih. Ghalhekk, impoggija f'termini ohra, l-Art. 492 jippermetti l-unilateralità fl-agir ta' komproprjetarju wiehed li jitlob lill-ohrajn biex ihallsu sehemhom ghall-ispiza zborsata, filwaqt li l-Art. 493 jikkontempla l-unanimità preventiva u *a priori* qabel ma jsehhu tibdiliet fil-haga in komuni.[9]

Id-deskrizzjoni moghtija minn dan it-Tribunal hi kongruwa mat-taghlim tal-qrati taghna. Infatti, fil-kawza *in re* **Antonio Azzopardi v. Emmanuele Abela et** (Appell Inferjuri, 12 ta' Dicembru, 1936) inghad illi, "*huwa pacifiku fid-dottrina u l-gurisprudenza illi l-Artikolu 188 (illum Art. 492), ghad-differenza ta' dak ta' warajh (Art. 493), ma jezigix ir-rekwizit tal-kunsens una volta l-ispiza hi necessarja*" u "*biex il-konsorti jista' jigi kostrett jikkontribwixxi, mhux bizzejjed li l-ispiza tkun ta' indoli necessarja, imma hemm bzonn li tkun kongruwa, ghaliex il-kunsens huwa gust li jigi prezunt meta l-ispiza tkun mhux biss necessarja imma meta biex tigi affrontata jintefaq dak l-ammont li huwa strettament bzonnjuz u mhux aktar*." F'dan is-sens ara wkoll ig-gja' citata decizjoni *in re* **Michael Fenech et v. Palm Holdings Limited** u dik *in re* **Alfred Grech et v. Sylvia Cassar et** (Tribunal Ghal Talbiet Zghar, 21 ta' Marzu, 2016).

Il-kaz prezenti jirrijentra fl-isfera t'applikazzjoni ta' l-Art. 492 tal-Kodici Civili peress li l-attrici, *qua* komproprjetarja tal-fond matrimonjali, wettqet spejjez fl-istess sabiex l-imsemmi fond jigi mantenut fi stat tajjeb u preservat kontra l-ingress t'ilma. Tali xoghlijiet ma jistghux jitqiesu bhala xoghol li jbiddel l-oggett mizmum in komun, izda bhala xoghol destinat jew immirat li jippreserva l-idonjetà funzjonali ta' l-istess. It-Tribunal ukoll jemmen li l-ispejjez mahruga mill-attrici ma kinux innovazzjonijiet introdotti fl-oggett komuni biex jalteraw l-istat u l-konsistenza tieghu, imma kienu spejjez

[9] Fid-decizjoni *in re* **Michael Fenech et v. Palm Holdings Limited** (Appell Inferjuri, 17 ta' Ottubru, 2008) gie affermat hekk: "*Jekk wiehed kellu jirrifletti fuq din it-tematika mill-perspettiva tal-principji generali tad-dritt taht il-Kodici Civili nsibu fl-Artikolu 492 li "kull wiehed mill-komproprjetarji jista' jobbliga lill-ohrajn johorgu sehem mieghu ghall-ispiza mehtiega sabiex il-haga in komun tinzamm fi stat tajjeb, izda kull wiehed minnhom jista' jehles minn dan l-obbligu billi jcedi l-jeddijiet tieghu ta' komunjoni". Dan id-dispost jiddistingwi ruhu minn dak immedjatament sussegwenti – Artikolu 493 – fejn si tratta ta' tibdil fil-haga komuni in kwantu f'dan il-kaz il-kunsens tal-komproprjetarji hu di rigore. F'certu sens dawn iz-zewg disposizzjonijiet tal-Kodici Civili jikkorrispondu ghall-Artikoli 11 u 8 tal-Kapitolu 398.*"

necessarji u vantaggjuzi "*che si riferiscono semplicemente allo uso ed al migliore godimento della cosa comune*" (*cfr*. **Flora Camilleri v. Francesco Ellul et**, Appell Civili, 3 ta' Dicembru, 1909). Ara wkoll, ghal dak li jiswa, is-sentenza *in re* **Saviour sive Aldo Portelli v. Frederick Cauchi Inglott** (Appell Inferjuri, 22 ta' Gunju, 2005). Li wiehed isewwi hsara f'saqaf li minnu qed inixxi l-ilma u li qed juri sinjali ta' deterjorament huwa jkun fatt annoverat fix-xenarju ta' tiswijiet necessarji u mhux merament kozmetici. Inoltre, mill-atti donnu jidher li eventwalment (madwar sena wara), wara tali riparazzjonijiet, is-saqaf (jew partijiet minnu) tbiddlu kompletament.[10] Dan ikompli jincidi fuq il-fatt li t-tiswijiet maghmula mill-attrici fis-sajf tal-2016 kienu necessarji.

Ghalkemm id-disposizzjonijiet relattivi fil-Kodici Civili Taljan huma alkwantu differenti minn dawk taghna,[11] il-Qorti ta' Kassazzjoni offriet interpretazzjoni in linea mat-taghlim fuq riportat, liema interpretazzjoni tkompli tissottolinea l-jedd ghar-rimbors ta' spejjez mahruga interament minn komproprjetarju wiehed. Tali disposizzjonijiet jesprimu l-kuncett generali li l-komproprjetarji huma tenuti li jikkontribwixxu ghall-ispejjez indispensabbli ghall-gid komuni, stante li din hi obbligazjoni *propter rem* in kwantu d-dover ta' kontribut isegwi *pari passu* l-htigijiet u funzjonalità ta' l-oggett mizmum in komun. Fis-sentenza taghha nru. 8924 tas-sena 2001 inghad illi, "*Soltanto le spese per la conservazione della cosa commune costituiscono obligationes propter rem*" u f'dik nru. 12568 tas-sena 2002 qalet illi, "*In tema di spese relative alle parti comuni di un bene, come l'obbligo di partecipare ad esse incombe su tutti i comunisti in quanto appartenenti alla comunione ed in funzione della utilitá che la cosa commune deve a ciascuno di essi garantire, così il diritto al rimborso «pro quota» delle spese necessarie per consentire l'utilizzazione del bene commune second la sua destinazione spetta al partecipante alla comunione che le abbia anticipate per gli altri*." (*cfr*. "Commentario Breve al Codice Civile" ta' l-awturi **Giorgio Cian** u **Alberto Trabucchi**, 8a ed., CEDAM 2001; p. 1024). Inoltre, u fuq l-istess binarji ta' hsieb spjegati aktar kmieni mit-Tribunal, fis-sentenza nru. 11747/2003 il-Qorti ta' Kassazzjoni, b'riferiment ghall-Art. 1110 tal-Kodici Civili Taljan, inghad hekk: "*In tema di spese relative alle parti comuni di un bene, vanno tenute distinte le spese per la conservazione, che sono quelle necessarie per custodire, mantenere la cosa commune in modo che duri a lungo senza deteriorarsi,*

[10] *vide a foll*. 46–49 u affidavit tal-konvenut *a fol*. 36.

[11] B'mod generali hemm l-Art. 1104 tal-Kodici Civili Taljan jghid hekk: "*Ciascun partecipante deve contribuire nelle spese necessarie per la conservazione e per il godimento della cosa comune e nelle spese deliberate dalla maggioranza a norma delle disposizioni seguenti, salva la facoltà di liberarsene con la rinunzia al suo diritto. La rinunzia non giova al partecipante che abbia anche tacitamente approvato la spesa. Il cessionario del partecipante è tenuto in solido con il cedente a pagare i contributi da questo dovuti e non versati*." B'mod specifiku hemm l-Art. 1110 tal-Kodici Civili Taljan jghid hekk: "*Il partecipante che, in caso di trascuranza degli altri partecipanti o dell'amministratore, ha sostenuto spese necessarie per la conservazione della cosa comune, ha diritto al rimborso*."

*dale spese per il godimento, che riguardano le utilità che la cosa commune può offrire. Soltanto le spese per la conservazione, nel caso di inattività degli comproprietari, da accertare in fatto, possono essere anticipate da un partecipante al fine di evitare il deterioramento della cosa, cui egli stesso e tutti gli altri hanno un oggettivo interesse, e solo di esse può essere chiesto il rimborso*" u fis-sentenza nru. 253/2013 gie affermat illi, "*L'art. 1110 consente eccezzionalmente la ripetibilità delle spese sostenute dal singolo partecipante alla comunione, in caso di trascuranza degli altri, limitatamente a quelle necessarie per la conservazione della cosa, ossia al mentenimento della sua integrità. Ne consegue che restano esclusi dal diritto al rimborso gli oneri occorrenti soltanto per la migliore fruizione della cosa commune*." (*cfr*. "Commentario Breve al Codice Civile" ta' l-awturi **Giorgio Cian** u **Alberto Trabucchi**, CEDAM 2017; p. 983).[12]

Konsegwentement, l-istanza attrici ma tippekkax guridikament ghal dak li jirrigwarda l-fondament legali taghha u, ghalhekk, l-eccezzjoni tal-konvenut li l-azzjoni hi infondata fil-fatt u fid-dritt hi hazina.

Ghal dak li jikkoncerna n-nefqa maghmula mill-attrici, jirrizulta li l-attrici ressqet provi tajbin u sufficjenti sabiex tissostanzja l-pretiza taghha. Apparti dan, l-attrici ressqet lill-haddiem li hareg il-kontijiet[13] sabiex jikkonferma d-dokumentazzjoni minnu emessa u li wkoll ikkonferma li l-attrici hallsitu l-ammont marbut max-xoghlijiet riparatorji fil-bejt/saqaf.[14]

Dwar dan l-aspett tal-kwistjoni, il-konvenut jilmenta (*vide* t-tieni eccezzjoni[15]) li l-prova ta' hlas m'hijiex imnissla minn fattura fiskali u li, ghalhekk, id-dokumentazzjoni mahruga mill-imsemmi haddiem u ezibiti mill-attrici ma jfissru xejn, ossia li donnu m'ghandhom l-ebda valur guridiku ai finijiet ta' din il-kawza.

Dan l-argument tal-konvenut jippekka ghal zewg ragunijiet bazici. Wahda hi li dan it-Tribunal hu dispensat li jitlob l-aqwa prova u dan in virtù ta' l-Art. 9(2)(b) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta li jrid illi dan it-Tribunal "*għandu jitgħarraf b'kull mod li jista' jidhirlu xieraq u ma jkunx marbut bil-prattika dwar l-aħjar prova jew dwar xiehda fuq kliem ħaddieħor jekk ikun sodisfatt lix-xiehda li jkollu quddiemu tkun biżżejjed veritiera li biha jista' jasal biex jaqta l-każ li jkun qed jittratta*." L-ohra hija li jekk il-haddiem harigx fattura fiskali jew le hija kwistjoni mmaterjali ai finijiet tal-kontiza bejn il-kontendenti. L-

[12] Jigi sottolineat, kif digà puntwalizzat precedentement, illi l-brani mehuda mill-imsemmija qorti estera qed jigu hawnhekk riprodotti sabiex jesprimu hsieb u kuncett ta' indole generali peress li, kif gja' maghdud, il-Ligi Taljana dwar din il-kwistjoni hija diversa minn dik Maltija.
[13] *vide a foll*. 24–27 (annessi mal-affidavit tal-konvenuta).
[14] *vide* deposizzjoni ta' Noel Formosa fl-udjenza tal-10 ta' Mejju, 2018 (*a foll*. 32–33).
[15] *vide* ukoll para. §8 tal-affidavit tieghu *a fol*. 36.

attrici ezibiet dawk il-fatturi lilha forniti mill-haddiem u tali dokumenti jaghtu prova li x-xoghol sehh u li thallas mill-attrici. Jekk l-istess dokumenti jirrispettawx il-vot tal-Ligijiet fiskali jew dawk tributarji, dik huwa oggett li jrid jarah primarjament il-haddiem in kwistjoni. Dmir l-attrici f'dan il-procediment kien li turi, sal-grad tal-probabbli, l-elementi ta' l-istanza taghha, ossia li sehh xoghol fil-fond, il-valur jew prezz ta' tali xoghol u li x-xoghol thallas.[16] Ikollu jigi mistqarr illi jekk il-pretiza ta' attur jew ta' konvenut f'litigju tigi purament assoggettata ghall-fatt jekk terza persuna (haddiem jew xi provditur ta' servizz) hargitx ricevuta fiskali idoneja, hafna mill-kawzi quddiem il-qrati, bordijiet u tribunal taghna huma destinati jfallu.

Minn dan kollu jinzel li l-konvenut ghandu jaghmel tajjeb ghal nofs l-ammont li l-attrici harget interament sabiex hi hallset ghax-xoghlijiet fis-saqaf. Wara kollox, tali riparazzjonijiet sehhew f'oggett li hu jiddetjeni in komun maghha u, *ergo*, l-istess riparazzjonijiet sehhew ukoll a beneficcju tieghu peress li di natura ippreservaw l-istat ta' l-istess oggett u kienu mmirati li jzommuh fi stat tajjeb ta' konservazzjoni kontra l-ingress t'ilma u deterjorament tal-konkos.

Dwar l-ilment tal-konvenut li fis-sena 2017 hu hareg flejjes kbar sabiex jinbidel is-saqaf (wara x-xogholijiet riparatorji ta' l-attrici fis-sena 2016), jigi mistqarr illi din il-materja tmur lil hinn mill-kwistjoni *de quo agitur*. It-Tribunal ghandu talba wahda biss quddiemu, dik ta' attrici. Il-konvenut ma ressaq l-ebda talba rikonvenzjonali sabiex jitlob s-sehem relattiv dwar tali xoghlijiet.[17] Ghalhekk, id-dokumentazzjoni minnu ezibita f'din il-kawza

---

[16] Ikollu jigi inoltre mizjud, b'silta mid-decizjoni *in re* **John *sive* Juanito Pullicino v. Carm Lino Scerri** (Prim'Awla, 21 ta' Marzu, 2016), illi, "*Kwantu ghas-sottomissjoni li l-attur ma ssottometta ebda ricevuta ghax-xoghIijiet maghmula, huma principju assodat in materji li ghall-prova tal-pagament, ma hijiex indispensabbIi l-prova skritta jew il-produzzjoni ta' ricevuta. Huwa bizzejjed li l-hlas jigi pruvat bi kwalunkwe mod li jikkonvinci Iill-Qorti, naturalment skond ic-cirkostanzi u l-fatti tal-kaz, kif emergenti mill-provi processwali (ara Ian Abela Fitzpatrick vs Web Trading Limited, App Inf 24/11/2003; Azzopardi vs Bonell, PA 03/03/2009, u Attard vs Attard, Nru. 240/1997, 27/06/2013).*"

[17] Konvenut f'gudizzju jista' jillimita ruhu li jinterponi deduzzjonijiet, maghrufa bhala eccezzjonijiet, relattivi ghall-fatti guridici pretizi mill-attur avversarju, liema eccezzjonijiet – skond id-duttrina – jistghu jkunu negazzjonijiet assoluti (i.e., dawk li jtendu lejn l-inezistenza ta' xi fatt jew rekwizit kostituttiv ta' l-azzjoni) jew negazzjonijiet relattivi (i.e., dawk li jtendu li jistabbilixxu l-ezistenza ta' xi fatt li jimpedixxi jew jestingwi l-azzjoni). Bhala ezemplari, l-eccezzjoni tan-nullità jew dik tal-legittimità attiva jirrijentraw fl-ewwel kategorija (negazzjonijiet assoluti), mentri l-eccezzjoni ta' l-"usucapio", tal-preskrizzjoni estintiva, tal-perentorjetà/dekadenza jew dik tal-kompensazzjoni jikkazellaw ruhhom fit-tieni wahda (negazzjonijiet relattivi). F'tali sitwazzjonijiet, il-konvenut jillimita r-rikjesta tieghu solament ghac-cahda tad-domanda attrici, izda ma jalterax ir-rapport processwali, gjaladarba l-oggett tal-procediment jibqa' immutat u l-*petitum* invarjat. Hawnhekk, min hu tenut jiggudika hu f'dover li jirrestringi l-indagni u d-decizjoni tieghu ghal kontroversja wahda u unika – dik proposta mill-attur. Addizzjonalment, anke jekk konvenut jintroduci fil-procediment xi kwestjonijiet godda, izda dejjem bil-fini li t-talba attrici tigi rigettata (bhal per ezempju, l-eccezzjoni ta' intempesitività jew dik tal-kontradittur legittimu), tali deduzzjonijiet/eccezzjonijiet jibqghu ristretti ghad-decizjoni tat-talba introdotta mill-parti attrici. Fi kliem iehor, ghalkemm ikun hemm trattazzjoni ta' tematici jew kwistjonijiet plurimi, il-kawza tibqa' wahda – dik inizjata mill-attur: "*l'eccezione in sè considerata, non può ampliare i termini della controversia; potrà aumentare le questioni*

f'dan ir-rigward ma tistax titqies bhala rilevanti.[18] Hawnhekk it-Tribunal ma jistax ma josservax[19] illi d-dokumentazzjoni mressqa mill-konvenut mhux komposta minn ricevuti fiskali kif hu ppretenda u eziga mill-attrici, izda minn semplici karti sottoskritti li, *inter alia*, jiddeskrivu xi xoghol li kien mehtieg isehh u li kien thallas depozitu. Jekk il-konvenut kien qed jitlob rifuzjoni ta' l-ammonti allegatament minnu mahruga, l-istess kellu jressaq

---

*sottoposte al giudizio del magistrato, ma sempre ai fini della decizione della domanda posta dall'attore. In fatti, se scopo del convenuto è quello di poter ottenere il rigetto della domanda dell'attore, pure, il* thema decidendum *o oggetto del giudizio è quello posto dall'attore … l'eccezione è un mezzo destinato a paralizzare l'azione dell'attore, portando all'accoglimento dell'inversa azione di accertamento negativo del convenuto, ed immettendo nel processo delle questioni nuove al solo fine della decisione della domanda posta dall'attore, ma senza ampliare il tema fissato dall'attore con l'atto introduttivo*" (**Mario Dini**, "La Domanda Riconvenzionale", Giuffrè 1954; §24, pp.54–55). Imbaghad, hemm ic-cirkostanza fejn il-konvenut jipprevalixxi ruhu minn dak previst taht l-Art. 4(1)(iii) u l-Art. 5 tal-Ligi Sussidjarja 380.01 (jew taht l-Art. 396 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta) u jipproponi talba rikonvenzjonali. Bid-domanda rikonvenzjonali – li hi azzjoni awtonoma mqanqla mill-konvenut kontra l-attur fl-istess procediment gudizzjarju digà mibdi [talba rikonvenzjonali ghandha ssehh solament fil-konfront tal-parti attrici u mhux fil-konfront ta' xi parti ohra fil-kawza, bhal per ezempju, xi ko-konvenut. Dan hu rifless fid-decizjoni *in re* **Gasan Insurance Agency Ltd noe v. Simon Soler et** (Appell Inferjuri, 22 ta' Novembru, 2002)] – il-konvenut jittenta jissupera l-limiti tar-rikjesta tieghu ghar-rigett tad-domanda principali u jitlob lill-Qorti provvediment (decizjoni) *a se stante* u ulterjuri favur tieghu. Fi kliem divers, tirrikorri l-ipotezi tad-domanda rikonvenzjonali meta l-konvenut, li jiehu spunt u okkazzjoni mill-azzjoni proposta kontrih, jirrezisti u jopponi ghaliha b'kontro-domanda fejn jitlob gudizzju pozittiv ghalih u sfavorevoli ghall-parti attrici, gudizzju li jmur oltre s-semplici cahda tat-talba attrici (dik principali). Talba bhal dik ittendi li tisposta l-limiti tal-procediment mibdi mill-attur li jkunu ffissati bit-talba promotorja principali. Tali limiti jigu allargati in segwitu ghall-attività tal-konvenut kif appena mfisser, li jitlob lill-gudikant biex jiddeciedi talbiet godda, li ma kinux imressqa mill-attur fid-domanda originali: "*In altri termini, il giudice non dovrà limitarsi a decidere se l'attore o il convenuto abbiano ragione, in ordine a quell'attività determinata dalla domanda giudiziale, ma anche se l'attore o il convenuto abbia ragione in ordine ad altre attività, che sono diverse dalla prima*" (*ibid*., p.55). Fid-decizjoni riportata f'*Kollez.* **Vol. XI–78** insibu asserit li, "*La riconvenzione dicesi eccezione non in senso stretto, ma in senso lato, inquantocchè il convenuto può opporre in giudizio all'azione contro lui proposta, non solo la eccezione, ma pure la riconvenzione; cioè domanda quell che gli si deve nello stesso tempo in cui si agisce contro di lui e nello stesso giudizio. Vi è riconvenzione, semprecchè per eccezione ad una domanda principale, si opponga un'altra domanda egualmente principale*." Generalment, id-domanda rikonvenzjonali hi deskritta bhala reazzjoni da parti ta' l-imharrek fil-gudizzju istitwit mill-attur, bhala talba gdida li tittraduci ruhha f'azzjoni tal-konvenut kontra l-attur. Hawnhekk, wiehed jara li b'din ir-reazzjoni, il-konvenut jwessa' l-kontroversja u dan l'ghaliex jitlob l-applikazzjoni ta' volontà legislattiva favurih kontra l-attur avversarju fl-istess kawza inizjata minn dan ta' l-ahhar. Dan, konsegwentement, jaghmel l-attur originali bhala konvenut accidentali u lill-konvenut bhala attur: "*la riconvenzione è quell'istituto processuale in forza del quale il convenuto, traendo occasione dalla domanda attrice contro di lui avvanzata, chiede nella stessa lite, alla quale è collegata sostanzialmente, l'attuazione di una volontà legislativa a suo favore, indipendentemente dalla richiesta di rigetto della domanda*" (*ibid*., pp.56–57). Il-kawza rikonvenzjonali, kif tradizzjonalment percepit, tizvolgi bejn l-istess partijiet fil-kawza, izda f'posizzjoni processwali invertita, fejn il-konvenut jilbes il-libsa ta' attur u l-attur jilbes dik ta' konvenut. Importanti wkoll li f'dan il-jedd difensjonali, jrid jirrizulta li jista' jaghmel uzu minnu solament il-konvenut fil-kwalità li huwa jkun tharrek fiha fl-azzjoni originali hekk kif ukoll statwit fl-Art. 400 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Din id-disposizzjoni tghid hekk: "*Il-konvenut ma jistax jipproponi l-kontro-talba fi kwalità oħra minn dik li fiha jkun imħarrek, lanqas ma jista' jipproponi l-kontro-talba kontra l-attur fi kwalità oħra minn dik li fiha dan ikun deher fit-talba tiegħu*." Ghal dak li jirrigwarda gurisprudenza dwar dan l-aspett, wiehed hu mistieden jara, fost ohrajn, id-decizjonijiet *in re* **Karl Bonello noe v. Emanuel Baldacchino et** (Prim'Awla, 26 ta' Mejju, 1997); *in re* **Alexis Vella et noe v. David Jones et noe** (Prim'Awla, 31 ta' Jannar, 2003 – konfermata fl-appell fis-27 ta' Jannar, 2006); u *in re* **Air Malta p.l.c. v. Lawrence Borg** (Prim'Awla, 30 ta' Gunju, 2004).

[18] *vide a foll*. 46–49.

[19] Kif ukoll gie rilevat waqt it-trattazzjoni ta' l-gheluq da parti tad-difensur ta' l-attrici (*a fol*. 54).

talba *ad hoc* jew inkella jressaq kontro-talba f'dan il-procediment. Fin-nuqqas, il-konvenut ma jistax jippretendi li t-Tribunal jakkordalu xi haga meta qatt ma intalbet. Kif imfisser *in re* **Il-Pulizija v. Carmelo *sive* Charles Dingli** (Appell Kriminali Inferjuri, 18 ta' Ottubru, 2007), "*hu assjomatiku li biex taqla' xi haga mill-Qorti l-ewwel trid titlobha. Ebda Qorti ma takkorda xejn jekk ma tigix mitluba biex taghmel dan.*" Ghalkemm mill-kamp penali, tali taghlim japplika xorta wahda ghal dak civili.

**GHALDAQSTANT**, it-Tribunal qed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi, ghar-ragunijiet espressi f'din id-decizjoni u in linea maghhom, filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallasha l-ammont ta' mitejn, erbatax-il ewro u tlieta u ghoxrin centezmi (€214.23c). L-interessi bir-rata ta' 8% fuq l-ammont ta' €214.23c ghandhom jibdew jiddekorru mis-sejha gudizzjarja odjerna, ossia mill-10 ta' Jannar, 2018.

L-ispejjez gudizzjarji marbuta ma' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

***ft*. AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**
*Gudikatur*

***ft*. ADRIAN PACE**
*Deputat Registratur*